SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 24/K9/20

Data tal-laqgħa: 20 t'Ottubru 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Sean Gauci - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (0)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera (Inc. 15636/20)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

24.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli tablet li tiġi skużata għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tiġi skużata.

**24.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

24.2.01 Is-Segretarju ressaq Minuti 22/K9/20 u Minuti 23/K9/20 għall-approvazzjoni.

24.2.02 Wara diskussjoni qasira, l-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 22/K9/20 u Minuti 23/K9/20.

24.2.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondiet fl-approvazzjoni tagħhom.

24.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

24.2.05 Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul qajjem il-punt fir-rigward 22.04.03 dwar iz-Zebra Crossing quddiem San Giljan Court fi Triq Birkirkara, l-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħolijiet fuq it-tappiera u Zebra Crossing jridu jsiru bil-lejl peress li trid tingħalaq it-triq u l-Kunsill għadu fil-proċess li jinħarġu l-permessi neċessarji.

24.2.06 Tqajjem il-punt dwar 22.03.05 fejn il-Kunsillier John Agius informa lill-Kunsill li fejn inqalgħu l-U Shape Barriers l-estetika giet hazin.

24.2.07 Il-Kunsillier John Agius u l-Viċi Sindku Clayton Luke Mula qajmu l-punt dwar 22.04.02, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-ilma jidher li ġej mill-blokka ta' fuq u li hu ilma baħar.

**24.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

24.3.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar Triq Diodorus Siculus. Iċ-Ċermen qal li jekk hemm qbil, temporanjament għandna nagħmlu *cold tarmac* u fl-istess ħin niltaqgħu mar-residenti sabiex nitkellmu dwar ir-rampi biex nkunu nistgħu inkomplu x-xogħol ta' resurfacing f'din it-triq. Kien hemm qbil mal-proposti taċ-Ċermen.

24.3.02 Is-Sindku ta nformazzjoni dwar id-deċiżjoni tal-Qorti li kienet ittieħdet is-sena l-oħra dwar l-inċident tal-Arkata fi Triq il-Karmnu. Peress li l-kuntrattur tal-inċident għadu ma għamilx ix-xogħol kif mitlub mill-Qorti, s-Sindku ppropona li tintbagħat ittra lill-Pulizija biex dan ix-xoghol issir mill-aktar fis possibbli.

24.3.03 Is-Sindku nforma li s-sitwazzjoni tal-ġbir tal-ħġieġ mill-kontenituri tal-plastik baqgħet l-istess għalhekk ħafna resident qed jarmu l-ħġieġ fil-borża s-sewda.

24.3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li tkompla x-xogħol billi qlajna t-tabelli li ma kienux ittegjati u bdew jinħarġu l-kontijiet skond l-emenda tal-Bye-Law. Huwa qal wkoll li ser jibdew joħorġu l-kuntratti kif mitluba mill-istess bye-law.

24.3.05 Il-Kunsillier Guido Dalli wasal fil-5.30p.m.

24.3.06 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-sistema ta' irigazzjoni ta' Ġnien Spinola ġiet imwaħħla u din hi koperta minn skema tad-Dipartiment filwaqt li s-sistema tal-irigazzjoni tal-promenade bl-għajnuna tal-FTZ ġiet imsaħħa ukoll.

24.3.07 Fir-rigward il-Car Park tal-Merriott Hotel, il-Kunsill ġie nfurmat li nħareġ ir-riklam bil-prezzijiet għar-residenti.

24.3.08 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fit-3 ta' Novembru ser issir laqgħa bejn xi resident minn Paceville u l-Pulizija. Din ser issir ġewwa l-Millenium Chapel.

24.3.09 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-Ħamis 21 t'Ottubru ser jattendi għall-laqgħa mal-Ministru għat-Turiżmu u fiha ser ikun diskuss fost oħrajn il-Ġnien ta' Spinola.

24.3.10 Iċ-Ċermen informa li waqt diskussjonijiet li kellu mal-Cleansing Services Department u rappreżentanti tal-Ministeru tat-Turizmu flimkien mal-Kumitat ta' Paceville Town Management kien qed jiġi propost sabiex l-iskart tal-istabilimenti jibda jinġabar minn kuntrattur wieħed. Il-kuntrattur tal-Kunsill jiġbor l-iskart tar-residenti kmieni filgħodu, filwaqt li l-Cleansing Department jagħmel ġabra wara nofsinhar għal skart li jkun nħareġ wara l-ħin.

24.3.11 Iċ-Ċermen ta dettalji dwar proposti li ġew ppreżentati lilna mill-Perit Antoine Zammit dwar Slow Street Project. Kien hemm qbil li d-diskussjoni fid-dettal għandha ssir fil-laqgha li jmiss pero sa' dan it-tant kopja tar-rapport tintbagħat lill-Kunsilliera kollha. Il-Kunsill qabel unanimanet ukoll li dan ir-rapport hekk kif ppreżentat mill-Perit Antoine Zammit, ikun it-talba integrali tal-Kunsill għal-

proposta taħt l-iskema ta' Proġetti Kapitali, Aċċessibilita' u Mobilta – Slow Street Project (SPI.SCI.3.2020).

24.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ngħatat fondi ta' €200,000 sabiex jinħareġ tender minħabba l-problema tal-ħamiem.

24.3.13 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli qed tiddiskuti sabiex għal żmien il-Milied jiġi l-Blood Donation Unit ġewwa San Giljan.

**Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

24.3.14 Il-Kunsillier John Agius informa lis-Sindku li l-ittra li bagħat lill-Ministru Herrera kienet indirizzata ħażin. Is-Sindku skuża ruħu dwar l-iżball.

## 24.4 Quarterly Report ta' Marzu u Gunju 2020

24.4.01 Is-Segretarju ressaq l- Quaterly Financial Report sal-31 ta' Marzu 2020 u dak sat-30 ta' Ġunju 2020 għall-approvazzjoni u ta spjegazzjoni tiegħu.

24.4.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ippropona l-approvazzjoni tal-Quaterly Financial Report sal-31 ta' Marzu 2020 u dak sat-30 ta' Ġunju 2020. (Appendiċi 'A')

24.4.03 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondah fl-approvazzjoni tagħhom.

24.4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

24.4.05 Il-Kunsillier John Agius telaq fis-6.00p.m.

## 24.5 Ghoti tat-Tender tal-Christmas Street Lights Decoration

24.5.01 Is-Segretarju ressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni tat-Tender tal-Christmas Street Lights Decoration (ref: CSL 052-7/2020) fejn ġew mitfugħa żewġ offerti. Fiż-żewġ offerti kien hemm xi nformazzjoni mhux mdaħħla tajba u għalhekk gie mitlub kjarifikazzjoni u l-Kumitat aċċetta dawn il-kjarifikazzjoni. Għalhekk l-irħas offerta ta' D Street Lighting ġiet pproposta biex tiġi aċċettata. Kien hemm qbil unanimament.

**24.6 Għoti tat-Tender ta' Repair & Upkeep and Maintanance of access roads and access only and pedestrian streets in an environmentally friendly manner**

24.6.01 Is-Segretarju ressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni dwar l-offerti għal-għoti tat-tender ta' Repair & Upkeep and Maintanance of access roads and access only and pedestrian streets in an environmentally friendly manner. Il-Kumitat ta' l-aġġudikazzjoni ppropona li dan il-kuntratt jinghata lill-LK Ltd peress li hu l-irħas. Kien hemm qbil li dan jiġi approvat unanimament.

**24.7 Uzu ta' spazji miftuħa / Żoni Pedestonali**

24.7.01 Din l-materja ġiet diskussa iktar kmieni waqt il-laqgħa.

**24.8 Talbiet żgħar;**

**24.8.02 Email dwar Applikazzjoni għall-Premju Soċjeta Ġusta (Inc. 14482/20)**

24.8.02.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jinnomina lid-Dottoressa Marceline Naudi.

**24.8.03 Email dwar talba għall-applikazzjoni għal-unloading bay fi Triq Luigi Apap (Inc. 14451/20)**

24.8.03.01 Fir-rigward it-talba għal Un/Loading Bay fi Triq Luigi Apap, il-Kunsill ġie nfurmat li peress li din it-talba qed issir minn lukanda, dawn għandhom dritt għal dan il-parkeġġ u għalhekk ser issir talba lit-Transport Malta.

**24.8.04 Email dwar Etisicura Insurance Broker (Inc. 14580/20);**

24.8.04.01 Saret riferenza għal email mingħand Etisicura Insurance Broker. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dawn il-laqgħat ma jsirux minħabba s-sitwzzjoni preżenti tal-Covid.

**24.8.05 Email dwar European Week for Waste Reduction 2020 (Inc. 14600/20);**

24.8.05.01 Il-Kunsill qabel unanimament li ma jieħux sehem.

**24.8.06 Email dwar Twin-City Protocol Buca Turkey (Inc. 14603/20)**

24.8.06.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill hu interessat f'dan il-ġemellaġġ.

**24.8.07 Email dwar St. John's Co-Cathdral – Cultural tours (Inc. 14654/20);**

24.8.07.01 Saret riferenza għal korrispondenza mingħand is-St. John's Co-Cathdral fejn wara diskussjoni qasira ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jitkellem mal-Kunsillier John Agius biex jara jistax jiġi organizzat xi ħaġa sa' dan it-tant ser tintalab aktar informzzjoni.

**24.8.08 Email dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali, Aċċessibilita' u Mobilita' (Inc. 14700/20 & 15038/20)**

24.8.08.01 Din il-materja ġiet diskussa aktar l'fuq.

**24.8.09 Email dwar Public Alley adjacent to GIG Beach building St. George's Bay (Inc. 14739/20)**

24.8.09.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li sabiex il-Kunsill ikun jista jieħu deċiżjoni fuq din il-materja, l-Kunsill ser jitlob No Objection li jkun hemm il-barrier mingħand kull min ser ikun affetwat b'din il-barrier.

**24.8.10 Email dwar sezzjonijiet ta' Zumba (Inc. 14749/20);**

24.8.10.01 L-Kunsill iddeċieda li minħabba s-sitwazzjoni preżenti din it-talba ma tiġix aċċettata.

**24.8.11 Email dwar invitation letter: 16 days of activism 2020 (Inc. 14953/20);**

24.8.11.01 Din il-korrispondenza ser tintbagħat lill-Kunsilliera Patricia Camilleri.

**24.8.12 Email dwar funding available for Living Green Walls and Green roofs (Inc. 15011-20);**

24.8.12.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintalab laqgħa mal-Living Green Walls ukoll biex il-Kunsill ikun jaf iż-żewġ kumpaniji x'qed joffru.

**24.8.13 Email dwar Ċirkulari Nru. SPI/4/2020 – Informazzjoni dwar l-Integrazzjoni u Rijabilitazzjoni ta' tfal li rritornaw mill-Istat Iżlamiku (Inc. 15029/20).**

24.8.13.01 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li fejn jista' jipparteċipa pero jidher li f'dan il-każ speċifiku ma tantx hemm persuni li jikkwalifikaw taħt din l-iskema.

24.8.13.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana wasal fis-6.40p.m.

**24.8.14 Email dwar finanzjament għall-kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex (Inc. 15160/20);**

24.8.14.01 Din il-materja ġiet diskussa aktar kmieni.

**24.8.15 Email dwar talba għall-live music f' Xatt ta' Spinola (Inc. 15063/20);**

24.8.15.01 L-Kunsill iddeċieda li din it-talba ma tiġix aċċettata.

**24.8.16 Korrispondenza dwar Ta' Ġiorni Pitch (Inc. 15067, 15123 & 15171).**

24.8.16.01 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel unanimament li l-proposti kollha li rċieva l-Kunsill ikunu diskussi waqt il-laqgħa li jmiss.

**24.8.17 Email mingħand l-Avukat tal-Kunsill dwar ftehim għal bini ta' kamra għal ATM f'Ta' Giorni (Inc. 15108/20);**

24.8.17.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunsillier Martin John Sultana qed jagħmel petizzjoni fir-rigward din l-ATM u ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Banif Bank jekk hux interessat li jagħmel l-ATM.

24.8.17.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntrattur ma tħallasx tax-xogħol kollu li għamel tal-kamra peress li xi xogħol ma sarx tajjeb. Filwaqt li nforma ukoll li fil-futur qarib ser jitwaħħlu l-bieb u t-tieqa tal-kamra.

**24.8.18 Email dwar Lifelong learning – Measures to be taken (Inc. 15177/20);**

24.8.18.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-miżuri li jridu jittieħdu waqt il-korsijiet tal-Life Long Learning u ġie deċiż li l-Kunsill jibda jinfetaħ mis-Sindku Albert Buttigieg, jew il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula jew il-Kunsillier Guido Dalli għal dawn il-korsijiet.

**24.8.19 Email dwar Ta' Ġiorni Pitch (Inc. 15237/20);**

24.8.19.01 Din il-materja diġa ġiet diskussa aktar qabel.

**24.8.20 Talba ghal bollard fi Triq Forrest (Inc. 15324/20);**

24.8.20.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill ma jaċċettax din it-talba.

**24.8.21 Talba mingħand Supreme Travel dwar bejgħ ta' biljetti fuq il-promenade (Inc. 15197/20);**

24.8.21.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill ma jaċċettax din it-talba.

**24.8.22 Email dwar sportivi fil-lokalita'**

24.8.22.01 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsilliera ser jgħaddu l-ismijiet ta' nies sportivi mill-lokalita lis-Segretarju Eżekuttiv.

**24.8.23 Talba mingħand il-Kumitat tal-ismijiet tat-toroq sabiex inbidel l-isem tat-triq ta' Triq il-Kbira kantuniera ma Triq Lapsi.**

24.8.23.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-proposta li kienet saret mill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq wara l-laqgħa li kellu fil-post. Din il-proposta qed titlob lill-Kunsill dwar isem ġdid għal triq li tinsab bejn Triq Lapsi u Triq il-Kbia li preżentament parti minnha hi Triq Lapsi u parti minnha hi Triq il-Kbira. Saret diskussjoni dwar jekk għadniex nibdlu l-isem. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bilfors irid jinbidel l-isem minħabba n-numbering. Għalhekk ġie deċiż li waqt li naqblu li jinbidel l-isem il-Kunsilliera ser jiġu mitluba jipproponu isem addattat.

**24.8.24 Kwotazzjoni mingħand Hal Mann Ltd dwar Triq il-Karmnu**

24.8.24.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill jaċċetta din il-kwotazzjoni.

**24.8.25 Kont tas-Sur Paul Fenech**

24.8.25.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill jerġa jitlob lis-Sur Fenech iħallas l-ammont dovut għas-safra ta' Bomarzo.

**24.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

24.9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5214 sa 5250. (Ara Appendiċi 'B')

24.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**24.10 Skeda tal-Pagamenti**

24.10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

24.10.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

24.10.03 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekonda fl-approvazzjoni.

**24.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

24.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Erbgħa 25 ta' Novembru 2020.

24.11.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.45p.m.

**IFFIRMATI,**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 25 ta' Novembru 2020